# FIL-QORTI CIVILI PRIM’ AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 29 ta’ Ottubru 2024**

**Rikors numru 1029/2023**

**Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana**

**vs.**

**Hans Ulrik Jansson (K.I. 412002A)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana ippreżentat fil-11 ta’ Settembru 2023, permezz ta’ liema ġie mitlub hekk:

> Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli qorti sabiex ai termini tas-subartikolu 9 (6) u (7) tal-imsemmi avviż legali (A.L. 153/2012):

i) Fl-ewwel lok tordna, li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok A, Dok B, u Dok C, jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii) Fit-tieni lok, sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok A u Dok B bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.

2. Rat li fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 2024, il-Qorti rat li Hans Ulrik Jansson debitament notifikat fit-3 ta' Jannar 2024 bl-avviż, bid-digriet u mhux b'inqas bir-rikors baqa' ma weġibx fit-terminu statutorju, b'hekk huwa kontumaċi. F'din l-istess seduta, ir-rikorrent talab lill-qorti tipproċedi fl-assenza ta' risposta ta' l-intimat, u għaldaqstant tordna illi l-att jiġi eżekuttiv.

3. Rat l-atti kollha proċesswali.

4. Rat li fil-verbal tas-27 ta’ Gunju 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

5. Il-fatti tal-każ huma li skont id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta’ Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet marbuta ma' taxxi, dazji u miżuri oħra,[1] liema direttiva ġiet implimentata fil-liġi ta' Malta permezz ta' ordni ravviżat fl-avviż legali numru 153 tas-sena 2012,[2] li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012, ġie permess lil-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol bħala l-awtorità kompetenti sabiex jiġbor it-taxxa dovuta fi Stati Membri oħra f’dawk il-każijiet fejn id-debitur fiskali jkun jinsab f’Malta. Skont din id-Direttiva, l-Awtorità kompetenti Svediża bħala l-Awtorità applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana f'Malta f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol sabiex jirkupra taxxa li skonthom hi dovuta lill-istess Awtorità applikanti. Din l-Awtorita’ tikkontendi li l-intimat għandu taxxa dovuta xi jaħħasha fl-ammont ta' miljun, sitt mija, disgħa u ħamsin elf, tmien mija u erbgħa u tletin Krona Svedizi (SEK 1,659,834) ekwivalenti għal mija sebgħa u erbgħin elf, disa’ mija sitta u ħamsin Ewro (€147,956.39). L-intimat kien ġie indikat bħala li kien jinsab f’Malta, u għalhekk f'dan il-każ inbeda dan il-proċediment sabiex jiġi rkuprat l-ammont imsemmi.

[1] Ara **Direttur Generali (Taxxi Interni) vs. Gil Marc Schnabelin** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fis-27 ta’ Frar 2014; **Kummissarju tat-Taxxi vs. Yoranne Gael Gabriel Kerignard** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-23 ta’ Mejju 2016; **Kummissarju tat-Taxxi vs. Marten Erik Jansson** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fis-17 ta’ Mejju 2017.
[2] Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.08.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

6. Ir-rikorrenti qed jipproċedi f'dan il-każ sabiex l-intimat iħallas l-ammont indikat ta' mija sebgħa u erbgħin elf, disa' mija sitta u ħamsin Ewro u disgħa u tletin ċentezmu (€147,956.39).

7. Kif verbaliżżat fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2024, l-intimat għalkemm debitament notifikat personalment bir-rikors inkluż id-dokumenti tiegħu, id-digriet tal-appuntament u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża, għażel li jibqa' kontumaċi.

8. Fil-ġurisprudenza ingħad li l-kontumaċja għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni, għalhekk il-qorti trid tidħol f'ċerta dettalji li tħoss li huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti.[3]

9. Skont l-Avviż Legali u d-Direttiva in kwistjoni din il-qorti għandha l-poter li tirreġistra 'l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar' anness mar-rikors promotur Dok A, Dok B fol 5 *et sequitur*, u fol 11 *et sequitur*, sabiex jiġi meqjus bħala titolu eżekuttiv u jiġi notifikat lill-intimat.

10. Fil-każ fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi vs Digisec Malta Limited** (1161/2019) deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Novembru 2022 ingħad:

> '...... L-ispirtu ta' din id-direttiva huwa sew miġbur fir-report from the Commission to the European Parliament and the Council on the operation of the arrangements established by the Council Directive 2010/24/UE li jitkellem fuq l-operat ta' din id-direttiva. Fl-introduzzjoni dan ir-rapport jagħti stampa ċara tal-iskop u l-ħsieb tal-istess direttiva kif applikata mill-Istati Membri fi ħdan l-unjoni. 'Tax fairness is a key element of the recently adopted Commission Action Plan for a fair and simple taxation supporting the recovery strategy. Everyone is expected to pay their fair share of taxes. If taxes remain unpaid, tax authorities need to take recovery actions to collect the taxes. The competence of the tax authorities is however limited to their national territory. They cannot undertake recovery actions in other countries, although tax debtors may have moved to another country or may have assets in other countries. Therefore, the EU has adopted legislation which allows the EU Member States to provide mutual assistance to eachother for the

[3] Ara **Ruth Apap vs. Noel Apap** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1995; **Emanuel Spiteri et vs. Benedetta Meilak noe** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 2014; **Raymond Gauci pro et noe vs. Christopher Galea** deċiża mill-Prim Awla fis-26 ta' April 2001.

recovery of their taxes and for other EU claims defined in Article 2 of the Directive.

The following example illustrates the functioning of this recovery assistance: a person does not pay his tax debts in Member State A. He moves to member State B but he also owns property in Member State C. In that case, the tax authorities of member State A can ask the tax authorities of Member State B and C to help to recover the taxes due to Member State A. In this way, mutual recovery assistance contributes to ensuring equity and non-discrimination in the field of taxation; it helps to ensure that every one is paying their taxes and it helps to prevent tax fraud and budgetary losses for the Member Sates and for the EU.[4]

11. L-artikolu 9(1)(2)(5) sa (8) tal-Avviż Legali jipprovdi:

1.Talba minn awtorità applikanti lill-awtorità rikjesta għall-irkupru ta' talba li hija suġġetta għal strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant, flimkien mal-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar, għandha ssir fuq il-formoli standard previsti taħt ir-raba' u l-ħames skeda rispettivament.

2. It-talba għall-irkupru tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu mat-talba maħruġa fl-Istat Membru applikant........omissis......

.../...

5. L-awtorità rikjesta meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, kif ikun il-każ, permezz ta' rikors, biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument, u biex tiddikjara li r-rekwiżiti relevanti tad-direttiva jkunu ġew imħarsa. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija.

6. Il-qorti għandha tordna li kopja ta' l-imsemmi rikors u d-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors.

7. Il-qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument in kwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

8. Ir-reġistratur tal-qorti għandu jżomm rekord u kopja tar-rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu. Huwa għandu minnufih jinforma lill-awtorità rikjesta kull meta ssir notifika ta' dak ir-rikors u kull meta tiġi identifikata jew tinqala diffikultà b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' xi notifika bħal din.

[4] Ara wkoll **Kummissarju tat-Taxxi u tad-Dwana vs Eemeli Aleksanteri Pirttimaa** (950/2022) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (950/2022) fl-14 ta' Frar 2024.

12. Din il-Qorti tinsab sodisfatta li f'dan il-każ ġew segwiti ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24 UE u tal-avviż legali 153 tal-2012.

13. Wara li rat l-istrumenti annessi mar-rikors promotur, u assikurat li l-istess ġew ukoll debitament notifikati lill-intimat personalment, it-talbiet tar-rikorrent huma ġustifikati.

# Deċide

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, u tordna li ssir ir-reġistrazzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur bħala Dok A u Dok B, bħala kopja uffiċjali tagħha sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-intimat.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**